**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 258**

It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.32 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana u s-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Mark Anthony Sammut kienu skużati.

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Aaron Farrugia kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 257 li saret fl-10 ta' Lulju 2024 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

- **Att Nru XXIV tal-2024** – Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta; u

- **Att Nru XXV tal-2024** – Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4017 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem 'High-Level Review: Enemalta's Planning and Investment in the Local Electricity Distribution Network' datat Lulju 2024; u

P.L. 4018 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 39 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar talbiet li saru lill-Parlament skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni minn Marzu 2022.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fil-5.01 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 18295 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4019 Ittra tal-Ħatra tal-Kummissarju tal-Pulizija maħruġa mill-Prim Ministru datata 22 ta' Ġunju 2020 u ittra ta' tiġdid tal-ħatra tal-Kummissarju tal-Pulizija maħruġa mill-Prim Ministru datata 28 ta' Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20668;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4020 Lista ta' spejjeż biex ittella' l-Valletta Green Festival li sar fi Pjazza San Ġorġ il-Belt Valletta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20656;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4021 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni, maqsuma skont l-istat ċivili tagħhom, li ġew allokati residenza mill-Awtorità tad-Djar għas-snin bejn l-2021 u Lulju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20686;

P.L. 4022 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni, maqsuma skont l-istat ċivili tagħhom, li ġew allokati residenza mill-Awtorità tad-Djar fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar u l-konfini għas-snin bejn l-2021 u Lulju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20687;

P.L. 4023 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni li kienu residenti San Pawl il-Baħar, maqsuma skont l-istat ċivili tagħhom, li applikaw għal, u ġew allokati residenza mill-Awtorità tad-Djar fl-istess lokalità għas-snin bejn l-2021 u Lulju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20688;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4024 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Malta Business Registry (MBR) għas-sena 2023;

P.L. 4025 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji konsolidati tal-Gozo Channel (Holding) Company Limited għas-sena 2022;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4026 Tabella li turi tagħrif dwar xogħlijiet artistiċi akkwistati għall-Mużew ta' Għawdex bejn Jannar u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20229;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4027 Tabella li turi tagħrif dwar l-importazzjoni ta' speċi ta' għasafar, rettili u annimali oħra u prodotti magħmulin minnhom, minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea skont il-provvedimenti tal-Konvenzjoni CITES, bejn Jannar 2019 u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20633;

P.L. 4028 Tabella li turi tagħrif dwar proġetti ta' Project Green, biex siti jkunu riġenerati fi spazji ħodor, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20634;

P.L. 4029 Lista ta' kumpaniji liċenzjati mir-Regolatur għall-Enerġija u l-Ilma (REWS) biex jagħmlu xogħol ta' bunkering, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20720;

P.L. 4030 Tabella li turi tagħrif dwar transazzjonijiet li saru bejn l-Enemed u żewġ kumpaniji partikolari għall-akkwist ta' fuel bejn Frar u Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20722;

P.L. 4031 Tabella li turi tagħrif dwar pagamenti li saru mill-Enemalta lil żewġ kumpaniji partikolari bejn Jannar u Settembru 2013, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20723;

P.L. 4032 Tabella li turi l-produzzjoni ta' new water f'metri kubi fis-snin bejn l-2017 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20768;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4033 Rapport Annwali tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) għas-sena 2023;

P.L. 4034 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023;

P.L. 4035 Part I u Part II ta' *The 2023 Report on the Workings of the Public Contracts Review Board* datat 12 ta' Ġunju 2024;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4036 Avviż Legali Nru 157 tal-2024 - Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa t-12 ta' Lulju 2024 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2023 dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (Att Nru XXXII tal-2023) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 4037 Informazzjoni dwar skemi u għajnuniet provduti jew ippjanati għal atleti ta' livell nazzjonali li jattendu istituzzjonijiet postsekondarji, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20579;

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4038 Avviż Legali Nru 156 tal-2024 - Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet;

P.L. 4039 Lista nru 73 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ mil-listi ta' proprjetà annessi mal-Att IV tal-1992, magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll fil-laqgħat tal-15 ta' Jannar u tat-22 ta' Frar 2024;

P.L. 4040 Lista nru 74 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ mil-listi ta' proprjetà annessi mal-Att IV tal-1992, magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll fil-laqgħat tat-12 ta' April u tas-16 ta' Mejju 2024; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4041 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' Y-plates ġodda li nħarġu, maqsuma skont il-mudell u t-tip ta' vetturi minn Lulju 2022 sa Lulju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18299.

## PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA

L-Onor. Alex Borg talab id-direzzjoni tas-Sedja dwar il-fatt illi l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, naqas milli jwieġeb għall-mistoqsija parlamentari 20814 li kienet saret lilu diversi drabi.

L-Onor. David Agius ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 20668, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol naqas milli jpoġġi kopja tal-kuntratt kif kien mitlub.

L-Onor. Darren Carabott ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal artiklu li deher online fuq is sit ta' *The Shift* b'referenza għal xhieda mogħtija mis-Sur Keith Schembri waqt laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Is-Sedja ħadet nota tal-punti mqajma mill-Onor. Membri u qalet li kienet se tagħti direzzjoni fi stadju ulterjuri.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li saret il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2024 l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Ivan Castillo ssostitwixxew lill-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Toni Bezzina.

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, l-Onor. Michael Farrugia, irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali – Abbozz 104, u l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol – Abbozz 105, kienu għaddew mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**MOZZJONIJIET**

**MOZZJONI DWAR IL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-KUMMISSJONI PERMANENTI KONTRA L-KORRUZZJONI – MOZZJONI 283**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona din il-mozzjoni:

Billi skont id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (Kap. 326), il-Kummissjoni għandu jkollha Chairman, li jiġi maħtur mill-President ta' Malta li taġixxi skont Riżoluzzjoni tal-Kamra li tgħaddi bil-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra;

Billi l-Imħallef Emeritu Lawrence Quintano għandu l-kwalifiki biex jinħatar bħala Chairman tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni;

Din il-Kamra tirrisolvi li titlob lill-President ta' Malta biex, skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, taħtar lill-imsemmi Imħallef Emeritu Lawrence Quintano bħala Chairman tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li bi qbil mal-Oppożizzjoni, il-ħin tad-diskussjoni dwar din il-mozzjoni kellu jkun ta' massimu ta' ħmistax-il minuta għal kull naħa, bil-ftuħ u l-għeluq għall-Gvern. Hija informat ukoll lill-Kamra li peress li din il-mozzjoni tinħtieġ li jkollha favur tagħha l-voti ta' mill-inqas żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra, skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, kien hemm qbil li l-mistoqsija fuqha ssir fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, ċjoè fis-7.00 p.m. u li f'każ li tintalab xi votazzjoni oħra matul is-seduta, din kellha tittieħed ukoll fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma l-ftehim.

Fuq din il-mozzjoni tkellmu l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Karol Aquilina.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont il-ftehim verbalizzat aktar kmieni, peress li biex jiġi ddikjarat il-vot fuq din il-mozzjoni s-Sedja riedet taċċerta ruħha li hemm tal-inqas żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra li qegħdin jivvotaw favur tagħha, u għal dan il-għan tiġi segwita l-proċedura li tintuża meta tintalab votazzjoni, il-mistoqsija fuq din il-mozzjoni kienet se titqiegħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

**SOSTITUZZJONI TA' MEMBRU FID-DELEGAZZJONI GĦALL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦAS-SIGURTÀ U KOOPERAZZJONI FL-EWROPA - MOZZJONI 284**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li fid-delegazzjoni parlamentari Maltija fl-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE PA) l-Onor. Darren Carabott jinħatar membru tad-Delegazzjoni minflok l-Onor. Joe Giglio li kien maħtur fuq l-istess delegazzjoni permezz tal-mozzjoni 31 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

L-Onor. Robert Cutajar issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess, il-Kamra għaddiet biex titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**ĦATRA TAD-DELEGAZZJONI MALTIJA GĦAN-NATO PA - MOZZJONI 285**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona:

Billi fit-3 ta' Ottubru 2023 il-Parlament ta' Malta, b'mod unanimu, irrisolva illi l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, jiġi inkarigat sabiex iwassal l-interess tal-Parlament Malti li jissieħeb fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO (NATO PA) bhala Associate Delegation;

Billi, skont is-subparagrafu 4 tal-Artiklu 4 tar-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw il-proċeduri tal-Assemblea Parlamentari, in-numru ta' membri nominati fid-delegazzjoni Maltija għall-Assemblea għandu jkun determinat mill-Kumitat Permanenti (Standing Committee) tal-istess Assemblea;

Billi, skont is-subparagrafu 5 tal-Artiklu 3 tal-istess Regoli ta' Proċedura l-membri hekk nominati għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' dan l-istess Parlament;

Billi l-Kumitat Permanenti ta' din l-Assemblea qabel b'mod unanimu mas-sħubija tal-Parlament ta' Malta;

Billi l-Assemblea formalment approvat is-sħubija ta' Malta bħala Associate Delegation fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Mejju 2024;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-rappreżentanti tagħha għad-delegazzjoni tal-Parlament Malti għan-NATO PA:

l-Onor. Randolph De Battista - Kap tad-Delegazzjoni; u
l-Onor. Beppe Fenech Adami; u

Illi skont is-sub-paragrafu 5 tal-Artiklu 4 tal-istess Regoli ta' Proċedura l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

l-Onor. Carmelo Abela; u
l-Onor. Darren Carabott.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull rappreżentant u ta' kull sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-rappreżentanti u sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali (Abbozz 104) u t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Abbozz 105) li kienu ġew irrapportati li għaddew mill-istadju ta' Kumitat aktar kmieni fis-seduta.

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-PROFESSJONIJIET REGOLATI FIL-QASAM TAL-BENESSERI SOĊJALI – ABBOZZ NRU 104**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi ntalbet votazzjoni, li skont ftehim milħuq din kellha tittieħed fil-ħin tal-interuzzjoni tax-xogħol.

**ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL – ABBOZZ NRU 105**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u b'mod partikolari l-promozzjoni u s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li joħorġu minn, huma konnessi ma' jew anċillari għalih" inqara t-tielet darba u għadda.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AĠENZIJA DWAR IS-SUQ TAL-PROPRJETÀ – ABBOZZ NRU 97**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex iwaqqaf l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà u biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni tas-suq tal-proprjetà" inqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR PERSUNI LI JIPPROVDU SERVIZZI TA' KREDITU U DWAR XERREJJA TA' KREDITU – ABBOZZ NRU 100**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Finanzi, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar Persuni li jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' qafas għar-regolamentazzjoni tax-xerrejja ta' kreditu, kif ukoll ta' persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu li jaġixxu f'isem tali xerrejja ta' kreditu, tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew ta' kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni Ewropea; u sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment" inqara t-tielet darba u għadda.

Fil-5.37 p.m. bil-permess, il-Kamra għaddiet għall-ħames item tal-aġenda.

## 5. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI (EMENDA NRU 2) - ABBOZZ NRU 82

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2).

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Ivan J. Bartolo.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ivan J. Bartolo qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4042 Artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fit-12 ta' April 2023 bl-isem "'We wanted to help': Students arrested after exposing FreeHour security flaw";

P.L. 4043 Artiklu li deher fuq is-sit online *maltatoday* fit-13 ta' April 2023 bl-isem "FreeHour: Nationalist MP says ethical hackers in Malta need safe harbour law";

P.L. 4044 Artiklu li deher fuq is-sit *markcamilleri.org* fil-11 ta' Lulju 2024 bl-isem "Malta's young and emerging ethical hackers have won the National Cyber Security Challenge: but were told to keep silent about it";

P.L. 4045 Artiklu li deher fuq is-sit *markcamilleri.org* fit-12 ta' Lulju 2024 bl-isem "No hackers for the National Cyber Security Challenge, please";

P.L. 4046 Artiklu li deher fuq *CyberCrime Law* bl-isem "Computer Misuse".

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16" inqara t-tieni darba.

Bil-permess, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**KLAWSOLA 2**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni ressaq din l-emenda "A":

**Klawsola 2**

Fis-subklawsola (1) tal-klawsola 2 il-kliem "jitqies bħala maġġuri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jitqies li hu tal-età".

**Clause 2**

In the Maltese text of sub-clause (1) of clause 2 the words "jitqies bħala maġġuri" shall be substituted by the words "jitqies li hu tal-età".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 2,** kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni ressaq din l-emenda "B":

**Klawsola 1**

Fi klawsola 1 minflok il-kliem "l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2)" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2)".

**Clause 1**

In clause 1 the words "Civil Code (Amendment No. 2) Act, 2023" shall be substituted by the words "Civil Code (Amendment No. 2) Act, 2024".

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 1,** kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-6.13 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni rrapporta l-Abbozz ta' Liġi mgħoddi b'emendi.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivil, Kap. 16".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

**3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI U LIĠIJIET VARJI DWAR MINURI - ABBOZZ NRU 103**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 9** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 10**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ressaq din l-emenda "A":

**<u>Klawsola 10</u>**

Il-klawsola 10 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fl-artikolu 24A tal-Att prinċipali, kif miżjud bil-klawsola 10, il-kliem "id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jqiegħed lill-minuri f'kura alternattiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jista' jqiegħed lill-minuri f'kura alternattiva"; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 24B tal-Att prinċipali, kif miżjud bil-klawsola 10, il-kliem "ħaddiem soċjali anzjan" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħaddiem soċjali fil-grad ta' 'senior social worker'".

**<u>Clause 10</u>**

Clause 10 shall be amended by the following:

(a) in article 24A of the principal Act, as added by clause 10, the words "Directorate of Alternative Care (Children and Youth) shall place a minor" shall be substituted by the words "Directorate of Alternative Care (Children and Youth) may place a minor"; and

(b) in paragraph (c) of sub-article (2) of article 24B of the principal Act, as added by clause 10, the words "a senior social worker" shall be substituted by the words "a social worker in the grade of 'senior social worker'".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 10,** kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 11, 12, 13, 14, 15 u 16** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1 u T-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fis-6.30 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal irrapporta l-Abbozz ta' Liġi mgħoddi b'emenda.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, Kap. 495 u liġijiet varji dwar minuri".

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

## 4. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI - ABBOZZ NRU 102

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14 u 15** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 8 (Konsiderazzjoni mill-ġdid)**

Fuq mozzjoni tal-Onor. Graziella Attard Previ, il-Kumitat qabel li terġa' tinfetaħ id-diskussjoni fuq Klawsola 8.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ressaq din l-Emenda verbali:

**<u>Emenda verbali</u>**

Fl-artikolu 118A kif miżjud bi klawsola 8, minflok il-kliem "liema pjan ta' ħarsien għandu jinkludi" għandhom jidħlu l-kliem "liema pjan ta' ħarsien jista' jinkludi".

**<u>Verbal Amendment</u>**

In article 118A as added by clause 8, for the words "which care plan shall include" there shall be substituted the words "which care plan may include".

L-emenda verbali għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 8,** kif emendata verbalment, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1 u T-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-6.51 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal irrapporta l-Abbozz ta' Liġi mgħoddi b'emendi.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

Fis-6.53 p.m. il-Kamra kienet sospiża u rriżumiet fis-7.04 p.m.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4047 Rapport tal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni Maltija magħmula mill-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Chris Said fit-Tielet Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2024 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, li saret fi Strasburgu bejn l-24 u t-28 ta' Ġunju 2024.

**MOZZJONI DWAR IL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-KUMMISSJONI PERMANENTI KONTRA L-KORRUZZJONI – MOZZJONI 283**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li, skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, biex jiddikjara l-vot fuq din il-mozzjoni, is-Sedja kellha taċċerta li kien hemm tal-inqas żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra li qegħdin jivvotaw favur tagħha, ċjoè 53 membru. Huwa żied li kienet se tintuża l-proċedura segwita fil-każ meta tintalab votazzjoni, jiġifieri li l-vot jiġi ddikjarat mis-Sedja wara li tkun għaddiet minuta. Peress li dan mhuwiex eżerċizzju ta' division, jekk xi Membru jidħol fil-Kamra waqt dik il-minuta sakemm il-vot ikun għadu ma ġiex iddikjarat, il-Membru jkun jista' jagħmel l-għażla tiegħu.

L-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni dwar il-ħatra ta' Chairman tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, imressqa mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

Il-Membri ddikjaraw ruħhom hekk:

**FAVUR: 70**

**L-Onor:**

Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius David
Agius Galea Malcolm Paul
Aquilina Karol
Attard Jonathan
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J
Bedingfield Glenn
Bencini Graham
Bonello Bernice
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Alex
Borg Ian
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Callus Ryan
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
De Marco Mario
Debattista Deo
Delia Adrian
Falzon Michael
Farrugia Michael
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Fenech Adami Beppe
Galdes Roderick
Galea Cressida
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Grima Clifton
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Muscat Alex
Said Chris
Sammut Hili Davina
Schembri Justin
Schembri Silvio
Spiteri Stephen
Spiteri Grech Amanda
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley
Zammit Lewis Edward
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

Wara li kien aċċertat li n-numru ta’ Membri favur il-mozzjoni kien ta’ aktar minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra, l-Ispeaker iddikjara li l-mozzjoni kienet approvata skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-PROFESSJONIJIET REGOLATI FIL-QASAM TAL-BENESSERI SOĊJALI – ABBOZZ NRU 104**

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali, li fuqha kienet intalbet votazzjoni.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 166** **ĦIN: 7.08 p.m.**

**FAVUR: 37**

**L-Onor.**
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Ian
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Falzon Michael
Farrugia Michael
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA: 33**

**L-Onor.**
Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
De Marco Mario
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-professjonijiet regolati fil-qasam tal-benesseri soċjali" nqara t-tielet darba u għadda.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.10 p.m. il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024, fl-4.00 p.m. b'aġenda li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Naomi Cachia.

Fis-7.20 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024, fl-4.00 p.m. kif ikkomunikat mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**